MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Numru. 294/2002

Kawza Numru. 27

**Il-Pulizija**

**Assistent Kummisasrju Norbert Ciappara**

**VS**

**Joseph Camilleri, iben John u Frances nee' Ghiller, imwieled l-Awstralja nhar it-28 ta' Jannar, 1972, residenti fil-fond Flat 2, Ent B, Binja Nigret, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita' numru 434884M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Camilleri** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta' April, 2002 u l-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

2. U aktar talli nhar is-16 ta' April, 2002 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, kellu fil-pusess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kinx awtorizzat li kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat; u 40(b) u 102A; u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, kellu minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kelu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati, dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess akkuzati, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess;

Rat ukoll fl-ewwel lok, l-ordni tal-Avukat Generali biex din il-kawza timxi bi procedura ta' Istruttorja;

Aktar tard pero, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, intbaghat il-Kontro Ordni biex b'hekk din il-kawza setghet tigi deciza minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fi kwalunkwe kaz, Joseph Camilleri wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll, barra l-Kontro Ordni, l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe' l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll illi l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 230).

Semghet ghalhekk il-provi kollha mressqa;

Rat id-dokumenti saljenti.

Ikkunsidrat, minn ezami tax-xhieda, li rrizulta s-segwenti:

Minn naha tieghu, l-**Ispettur (dak iz-zmien) Norbert Ciappara**, xehed illi minn xhieda li nghatat fi proceduri diversi, irrizulta li Joseph Camilleri kien indikat li qed jittraffika d-droga – dan kien maghruf bhala l-Harbat, l-imputat fl-Awla,

Ghalhekk fuq ordni tal-istess Spettur, pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu raid fir-residenza tieghu. Hemm, skont ma gie rapurtat lilu, instabet landa tal-metall tat-tip tal-helu, li go fiha kien hemm xi sustanza kannella suspettata raza tal-cannabis; kif ukoll borza mdaqqsa u zewg boroz ohra zghar bi trab kannella go fihom suspettat droga eroina.

Ghalhekk giet miftuha Inkjesta Magisterjali. Giet elevata s-sustanza msemmija ghalhekk mis-SOCO (vide PV ezebit).

Qal ukoll illi fi tfittxija li saret fuq l-imputat, instabu is-somma ta' disgha u erbghin lira Maltin (Lm49.00) ezebiti

bhala Dok NC. Instabu wkoll xi pilloli. Qal l-Ispettur illi kellmu u hadlu stqarrija li giet ezebita minn bhala Dok NC1, folio 19.

In kontro ezami qabel l-Ispettur illi hu, fit-tehid tal-istqarrija, ghamel anke domandi dwar persuni ohra li kellhom relazzjoni mal-imputat, illi pero skondtu ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dan il-kaz, u kien jitratta biss investigazzjoni ohra.

Ghandu jinghad fir-rigward ta' din l-istqarrija, u l-Qorti taghmel referenza ghal sentenzi bhal ma huma "*Charles Stevens Muscat vs Avukat Generali*", deciza nhar it-8 ta' Ottubru, 2012; "*Il-Pulizija vs Robert Busuttil*" deciza nhar l-20 ta' Frar, 2014; u "*Il-Pulizija (Spt Dennis Theuma) vs Omar Psaila*" tal-20 ta' Gunju, 2014 fost l-ohrajn, fejn il-Qrati taghna qiesu bhala ammissibbli stqarrija mehuda minghajr assistenza legali, stabbitili certi kriterji, ezami tal-fedina, eta' tal-interrogat, li jwasslu sabiex tigi determinata l-vulnerabbilita' ta' investigat waqt tali tehid.

Illi Joseph Camilleri kellu tletin (30) sena meta ttiehdet din l-istqarrija, u kellu gia' l-fedina penali mcappsa b'akkuzi ta' eroina senjalament. Ghalhekk, certament ma kinx fi zmien tat-tehid tal-istqarrija vulnerabbli, u mhix ser tqisu bhala hekk il-Qorti;

Allura tqis il-Qorti li l-istqarrija ezebita hija wahda ammissibbli.

Ghalhekk, mill-ezami tal-istqarrija jirrizulta li:

Joseph Camilleri qal illi hu ma kinx jahdem; kien biss jaghmel xi gurnata xoghol ma’ certu Francis, iwahhal l-irham. Qal illi martu biss kienet tircievi s-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150.0) fix-xahar.

Dwar il-cannabis misjuba, qal illi dik kienet tieghu, mentri kif kien drittu ghazel illi ma jwegibx dwar l-eroina. Ghazel ukoll illi ma jwegibx dwar il-mizien. Qal ukoll illi l-cannabis misjuba fuq il-bank tal-kcina kienet ukoll tieghu.

Dwar allegat involviment f’importazzjoni ta’ eroina – erba’ mitt (400) gramma, qal illi certu Mohtar Khaled kien ghamillu hafna hsara.

Ammetta li kien juza d-droga.

Ghazel illi ma jwegibx dwar in-nota tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) misjuba ghandu (allegata falza)

Qal illi hu ma kinx jaf illi Sareg wahhal fih dwar id-droga.

Dwar l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) elevati, qal illi dawn kienu ntizi biex jaqta’ d-dejn, ihallas id-dawl u l-ilma.

**PS 1086 Johann Micallef** xehed dwar it-tftittxija li saret fir-residenza ta’ Joseph Camilleri. Qal illi PC 1183, fuq il-bank tal-kcina sab bicca kannella suspettata raza. Qal ix-xhud illi hu eleva mizien elettroniku zghir, u kaxxa tal-Quality Street li meta fetahha sab biha bicciet bi trab kannella suspettata droga.

**PC 1183 Oliver Borg** ikkonferma minn naha tieghu s-sejba tal-landa tal-Quality Street li fiha kien hemm borza suspettata eroina, is-sejba tal-bicca coke, il-mizien, mug, u l-pipa li kien fiha tracci go fiha. Qal illi nstabu wkoll fil-kcina pilloli sofor u bojod gol-cupboard.

Qal illi fuq il-persuna ta' Joseph Camilleri nstabet is-somma ta' disgha u erbghin lira Maltin (Lm49.00).

**WPS 45 Marisa Bartolo** kkonfermat is-sejbiet hawn imsemmija. Tkellmet ukoll fuq is-sejba ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) falza, din misjuba wkoll fil-landa.

L-istess **PC 451 Aaron Bugeja** li zied li fil-mug sabu wkoll go fih xi zerriegha tal-qaneb.

Bhax-xhieda l-ohra pulizija, ikkonferma li s-search saret fil-presenza tal-mara tal-imputat Susan Camilleri.

Insista dan ix-xhud, issa in kontro ezami, li nstabu anke notebook, pitazz b'ismijiet u numru telefonici fuqu. Kif sew irrimarka l-Avukat Difensur, dan il-pitazz ma gie msemmi minn ebda pulizija iehor, lanqas kif korrettament indikat lilu ma fil-fatt jirrizulta mir-ritratti mehuda.

Minn naha tieghu, l-**Ispizjar Mario Mifsud**, mahtur ghal dan l-iskop, ikkonkluda fl-ewwel relazzjoni tieghu, Dok MM, illi:

*a.* "*Illi ma nstabux sustanzi llegali fuq il-mizien li kien hemm fid-dokument 02 AZW 02 u l-mug li kien hemm fid-dokument 02 AZW 03;*

*b.* *Illi t-tliet zerrieghat li kien hemm fid-dokument 02 AZW 05 kienu dawk tal-Cananbis u l-ezamijiet ghall-germinazzjoni taw rizultat negattiv;*

c. *Illi l-pillola u s-6 bicciet ta' pilloli bojod u t-30 pillola u z-zewg nofsijiet ta' pilloli sofor li kien hemm fid-dokument 02 AZW 04 instabu li kienu dawk tal-Lorazepam. Is-sustanza tal-Lorazepam, li tintuza bhala Tranquiliser, hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Part B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

d. *Illi fil-blokka ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 02 AZW 01 u 02, f'ammont nett totali ta' 7.961 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), li tigi mill-pjanta tal-Cannabis, hija sustanza li hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

e. *Illi fit-tubu tal-plastic trasparenti li kien hemm fid-dokument 02 AZW 03 instabu fih tracci tas-sustanzi Kokajina u 6-O-monoacetylmorphine. Is-sustanza 6-O-monoacetylmorphine hija prodott tad-degradazzjoni tal-Herojina. Dan ifisser illi biex iffurmat is-sustanza tas-6-O-monoacetylmorphine kien hemm qabel is-sustanza Herojina;*

f. *Illi fit-trab il-kannella li kien hemm fit-tliet boroz tal-plastic fid-dokument 02 AZW 01, f'ammont nett totali ta' 44.226 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*"

Fir-rigward tal-valur, irrelata l-istess Spizjar, illi l-prezz bl-immnut tad-droga misjuba huwa ta’ mitejn u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm249.25);

Prezenta ghalhekk it-tieni relazzjoni tieghu a folio 225, fejn ikkonkluda li l-prezz bl-immnut ta’ erbgha u erbghin punt tnejn tnejn sitta(44.226) grammi ta’ eroina b’purita’ ta’ circa hamsa u tletin fil-mija (35%), huwa dak imsemmi.

Ma kinx jinghata prezz bl-immnut ghal Malta ghal raza tal-cannabis.

Minn naha tieghu, **Dr Martin Bajada** kkonkluda fid-dokument MB (folio 169), illi l-karta tal-flus tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) (dik misjuba ghand l-imputat), kienet nieqsa minn kwalunkwe tip ta’ security feature li fiha karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) mahruga mill-Bank Centrali ta’ Malta.

Il-falsita’ ta’ din il-karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) giet konfermata wkoll minn **Robert Mifsud**, rapprezentant tal-Bank Centrali ta’ Malta.

Dan qal in kwantu hekk, illi l-karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) lilu murija ma kintix wahda genwina minhabba l-feel taghha.

Rat ukoll ir-relazzjoni redatta minn **Marietta Lanzon**, Social Inquiry Report, Dok ML a folio 273. Jidher illi Camilleri ha kura mis-Sedqa ghall-abbuz ta’ droga cannabis, kokaina u eroina, tant illi anke ggradwa minn Santa Marija b’Awwissu tas-sena 2006.

Tghid illi Camilleri, darba li spicca l-programm, ghex issa hajja ezemplari u kien persuna midbula ghal kollox. Kien anke qed jattendi sezzjonijiet ta' counselling mas-social worker Victoria Scicluna.

Minn naha taghha **Victoria Scicluna** qalet illi Camilleri kien klijent taghha mis-sena 2003, dan mal-Agenzija Sedqa, u kien ghadu b'kuntatt regolari maghha. Spjegat illi hu kien dahal fi programm fis-sena 2003 minhabba problema serja ta' droga. Spicca l-programm fis-sena 2005. Tat stampa ferm pozittiva ta' Joseph Camilleri llum. Spjegat illi fil-bidu Camilleri kellu problema ta' kokaina akuta, pero mhux ta' abbuz ta' eroina. Qalet illi kienet taf illi l-abbuz tieghu kien fil-konfront tad-droga kokaina, din bhala l-main problem tieghu. Qalet pero li l-eroina kienet droga li kienet torbot mal-cocaine, pero ma kinitx id-droga "*of choice*" ta' Camilleri.

Minn naha tieghu **Ray Grech** iddepona li Camilleri spicca l-programm kollu, anke bir-re-entry b'kollox u dahal after care u kien jattendi regolari. Qal illi ghalih Camilleri kien inserixxa ruhu sew; anke kellu bond tajba mal-familja tieghu; kien sportiv hafna.

Mismugha dawn il-provi, qatt ma tressqu provi in difesa ohra, nonostante tul kbir ta' zmien moghti ghal dan l-iskop.

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mix-xhieda, kemm mill-istqarrija, kif ukoll minn dak illi xehdet Marietta Lanzon, l-akkuzat kien certament jabbuza kemm minn cannabi, kokajina, u eroina. Pero, ghalkemm ghandu nstabet il-cannabis u tracci ta' kokaina, instabet ukoll, kif ikkonkluda l-Ispizjar Mario Mifsud, ammont sostanzjali ta' eroina – erbgha u erbghin (44) gramma u fuqhom, li kellha prezz bl-immnut gia' hawn fuq indikat.

Illi l-akkuza migjuba fil-konfront tad-droga eroina hija dik ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv. Bla dubbju, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-pussess *per se*, imbaghad ressqet provi ta' ammont, mizien, u stqarrija li jwasslu ghal prova tal-aggravju. Fil-fatt l-ammont ta' erbgha u erbghin (44) gramma u fuqhom, ghal bniedem li fil-fatt kien aktar ivvizzjat bil-cannabis u kokaina (ara stqarrija u xhieda ta' rapprezentant tal-Agenzija Sedqa), huwa ammont kbir u xejn negligibbli.

M'ghandna u ma tressqet ebda spjegazzjoni ohra sal-grad tal-probabbli ta' uzu personali u eslussiv ta' eroina.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spt Nezren Grixti) vs Ninian Mangion*", deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Dr Joseph Galea Debono, nhar id-9 ta' Marzu, 2010 fejn intqal hekk:

"*Illi, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri" [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew*

*biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*"

Il-Qorti, a bazi ta' tali ragunament, li mieghu ghal kollox taqbel, tqis illi l-pussess tad-droga eroina ma kinx ghall-uzu esklussiv ta' Joseph Camilleri;

Ghalhekk issibu hati tal-ewwel akkuza.

Daqstant hati, kemm ex admissis (stqarrija) tal-pussess semplici ta’ cannabis u tal-pussess semplici ta’ medicina specifikata u psikotropika, u minn dak li rrizulta mit-tfittxija, u dan wara li rat id-Disposizzjonijiet tar-4 u 8 Taqsima tal-Ordinanza, illum Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; u r-Regolament 8 tar-Regoli tas-sena 1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Drogi Perikoluzi (GN 292/1939); LS 10 Regola 9; l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikolu 22(1), 22(1B), 22 (2)(b), 8(a) – ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; ukoll ir-Regolament 5 tal-Avviz Legali 22/1985; LS 31.18; ukoll l-Artikolu 40(b) u 120A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issibu hati wkoll talli kellu fil-pussess tieghu minghajr awtorita’ legali biljett ta’ flus ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10.00) foloz, u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, u anke wara li rat ir-relazzjoni ta’ Dr Martin Bajada, u semghet ix-xhud tal-Bank Centrali li xehed kif premess, anke minn kif kienet tinhass l-istess nota tal-flus, illi allura timplika anke xjenza tal-falsita’. Dan jinghad ukoll wara li l-Qorti nnifisha hasset b’idejha l-istess karta, u tenut kont l-uzu komuni tan-nota tal-Lira Maltija fil-hajja gurnaljiera qabel il-qalba ghall-Ewro.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat, ukoll dik aggornata;

Ikkunsidrat ukoll il-progress li tant sahhu fuqu tas-Sedqa u l-Ufficjal tal-Probation, u l-progress illi ghamel ghax anke l-

ahhar sentenza kontrieh tidher illi tikkoncerna reati tas-sena 2000;

Qieghda ghaldaqstant tikundannah ghal piena karcerarja ta' sena(1) u tlitt(3) xhur, stante l-progress kbir li jidher li ghamel l-imputat'

Tikkundanna ukoll ghal multa ta' tliet elef Ewro (€3,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal erba' mija sitta u erbghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€446.78).

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB 14.2003.

Tordna li n-nota tal-ghaxar liri Maltin falza tinghata lil Bank Centrali ta' Malta sabiex jiddisponi mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------